MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2003

Numru. 380/2001

**Il-Pulizija**
**(Sp. Alexandra Farrugia Mamo)**

**vs**

**Stephania Abela ta’ 21 sena, bint Anthony u Margaret Cassar, imwielda fit-30 ta’ Marzu, 1980, u toqghod Numru 128, Sisters Street, Tarxien, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 231280 (M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Stephania Abela li giet akkuzata talli f’dawn il-gzejjer, f’dawn l-ahhar snin, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

Talli approprjat ruhha billi dawwret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe hadet flejjes li jammontaw ghal aktar minn Lm 454.04, liema flejjes jappartjenu lis-Socjeta' The Catalogue Company Limited, liema flejjes kienu gew fdati lilha bl-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnhom specifikat u dan ir-reat sar minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju bi ksur ta' l-Artikoli 293 u 294 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-imputata ma kellha ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Ikkunsidrat

Illi in vista ta' l-ammissjoni ta' l-akkuzata u dan ma' l-istadju ta' l-interrogatorju, anke wara li fis-seduta tal-llum regghet accertat ruhha li fehmet il-konsegwenza ta' l-ammissjoni u ppersistiet fl-istess ammissjoni (anke fis-seduta tal-llum), rat ukoll l-istqarrija a tempo vergine ta' Stephania Abela.

Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-akkuzata kif ukoll ix-xhieda ta' Melanie Bugeja (13.11.02) li ddikjarat li l-akkuzata hallset l-ammont kollu mertu ta' l-akkuza. Rat l-art 293 u 294 tal-kap 9, tikkonsidra li dan huwa reat li jsib il-bazi tieghu fuq fiducja miksura fatt dan konsidrat mill-ligi fl-art 294, ghaldaqstant minhabba l-gravita' ta' l-istess qeghda tapplika l-art 28A tal-Kap 9 tikkundannaha ghal tliet xhur habs sospizi ghal sitt xhur.

--------------------------------TMIEM--------------------------------